**5 ta' Lulju, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Dr. Joseph F. Cassar Galea *noe*

*versus*

David Aquilina

**Appell – Digriet – Appell minn Digriet Interlokutorju – Petizzjoni ta' l-Appell – Rikors ta' l-Appell – Malleverija – Nullità ta' Appell minn Digriet Interlokutorju mhux Akkumpanjat minn Malleverija**

*Appell minn digriet interlokutorju li ċaħad it-talba għall- produzzjoni ta' uħud.*

*Hija ġurisprudenza konstanti illi rikors ta' Appell minn digrieti interlokutorji huwa null jekk mhux akkompanjat b'malleverija. In-nuqqas ta' din il-malleverija ma' dan ir-Rikors ta' l-Appell huwa difett fatali li ma jistax jiġi ssanat għaliex it-termini għall-prestazzjoni ta' garanzija għall-ispejjeż tal-ġudizzju huma perentorji u improrogabbli, allavolja żmien wara l-appellant ikun iddepożita l-garanzija, xorta waħda ma tkunx ġiet issanata l-posizzjoni għax in-nullità titwieled u tibqa' bla possibilità ta' rimedju jekk u meta r-rikors ma jkunx akkompanjat kontemporanjament mill-malleverija.*

*Ġie ddikjarat null u irritu l-Appell u l-Atti rimessi lura quddiem l-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut David Aquilina pprezentat fit-3 ta' Diċembru, 1986, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka d-digriet ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ ta' l-1 ta' Diċembru, 1986, li bih kienet ċaħditlu talba għall-produzzjoni bħala xhud ta' l-avukat Dr. J. Ciappara, u tirrimetti l-proċess lill-Ewwel Qorti ħalli tisma' x-xhieda ta' l-imsemmi Avukat Ciappara u l-provi l-oħra li fadal, bl-ispejjeż;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-24 ta' Ġunju, 1988, li biha rrilevat li fir-rikors ta' l-appell ma ġietx offruta l-malleverija u

jidher li s-somma ta' *Lm120* intant ġiet iddepożitata l-Qorti fil-15 ta' Jannar, 1988, biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' l-appell;

Semgħet it-trattazzjoni fuq din il-kwistjoni;

Ikkunsidrat:

Jingħad qabel xejn li hija ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti li rikors ta' appell minn digriet interlokutorju huwa null *jekk mhux* akkompanjat b'malleverija (ara fost oħrajn "Magri *vs* Micallef" Vol. XLI.I.137; "Forth Bernard *utrinque*", 19 ta' Jannar, 1983; "Garrone *utrinque*", 31 ta' Marzu, 1978; "Bennetti *utrinque*", 30 ta' Settembru, 1983; "V. Camilleri *noe vs* R. Stilon *pro et noe*", 18 ta' Ġunju, 1984; "C. Azzopardi *vs* J. Azzopardi", 12 ta' Diċembru, 1983; "R. Rossignaud *et vs* R. Bartolo *et*", 8 ta' Diċembru, 1983;

Issa skond l-appellant ma jeżisti ebda artikolu fil-liġi li jirrikjedi li l-malleverija trid tiġi offruta konġuntament u kontestwalment mal-petizzjoni jew rikors ta' l-appell;

Illi din is-sottomissjoni però hija *toto coelo* skorretta kif din il-Qorti diġà kellha opportunità f'okkażjonijiet preċedenti tispjega;

Infatti l-artikolu 249(1) tal-Kap. 12 (ġà 247(1) tal-Kap. 15) *jiddisponi* li l-ebda *petizzjoni ta' appell ma tiġi riċevuta* li *ma* tkunx ippreżentata flimkien ma' garanzija għall-ispejjeż tal-kawża. Dan l-artikolu in forza ta' l-artikolu 229(7) ta' l-istess Kap. (ġà 227(7) tal-Kap. 15) japplika wkoll għar-rikorsi minn digrieti interlokutorji bħal fil-każ in diżamina;

Skond il-liġi għalhekk u kif ġie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha *in re:* "P. Fenech *vs* Dr. P. Lia *et noe*, 2 ta' Marzu, 1983; "Garroni *utrinque*" *sup. cit.;* "Bennetti *utrinque*" *sup. cit.;* "Forth Bernard utrinque" sup. cit. u "R. Rossignaud *et vs* P. Bartolo *et*" *sup. cit.;* in-nuqqas ta' din il-malleverija kontemporanjament mar-rikors ta' l-appell huwa difett fatali li ma jistax jiġi ssanat għaliex it-termini għall-prestazzjoni ta' garanzija għall-ispejjeż tal-ġudizzju huma perentorji u improrogabbli. In partikoli jiġi ribadit dak li qalet din il-Qorti *in re* "Rossignaud *vs* Bartolo" *sup. cit.* u ċjoè li "allavolja l-appellant żmien wara bħal f'dal-każ ikun iddepożita garanzija xorta waħda ma tkunx ġiet issanata l-posizzjoni għax in-nullità titwieled u tibqa' bla possibbilità ta' rimedju jekk u meta r-rikors ma jkunx akkompanjat kontemporanjament mill-malleverija";

F'dan l-istat ta' fatt u ta' liġi għalhekk din il-Qorti m'għandhiex alternattiva ħlief li tiddisponi mill-appell interpost kif ġej:

Għal dawn il-motivi għalhekk tiddikjara irritu u null l-appell interpost mill-konvenut David Aquilina bir-rikors tiegħu u għalhekk tirrinvija l-atti lill-Ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi. L-ispejjeż ta' din l-istanza jkunu a karigu ta' l-istess konvenut appellant.